31992R3002

L 301/17 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.10.1992

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3002/92 tas-16 ta' Ottubru, 1992, li jistabilixxi regoli komuni dettaljati għall-verifika ta' l-użu u/jew destinazzjoni ta' prodotti minn intervent

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 136/66/KEE ta' 22 ta' Settembru, 1966, dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq ta' żjut u xaħmijiet [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2046/92 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 12(4) u 26 (3) tiegħu, u għad-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom tar-Regolamenti l-oħra li jistabbilixxu organizzazzjoni komuni ta' swieq ta' prodotti agrikoli,

Billi r-regoli tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu ma' ħafna setturi milquta mill-organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli jipprovdu għall-applikazzjoni ta' sistema ta' intervent;

Billi xi prodotti mneħħija minn intervent jistgħu jkunu soġġetti għal użu u/jew destinazzjoni speċifika; billi għandha titwaqqaf sistema ta' superviżjoni biex tassigura li prodotti bħal dawn ma jinbidlulhomx l-użu u/jew id-destinazzjoni tagħhom.

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 569/88 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2919/92 [4], jagħmel regoli komuni dettaljati għall-verifika ta' l-użu u/jew destinazzjoni ta' prodotti minn intervent; billi bit-tneħħija ta' kontrolli u formalitajiet bejn il-fruntieri nterni u wara li saru emendi oħra għar-Regolament (KEE) Nru 569/88, u biex l-affarijiet ikunu ċari u jkun hemm effiċjenza amministrattiva, ir-regoli konċernati għandhom isiru mill-ġdid;

Billi, f'dawk il-każijiet fejn żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom x'jaqsmu fis-superviżjoni, għandu japplika r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2823/87 tat-18 ta' Settembru, 1987, dwar id-dokumenti li għandhom jintużaw bil-għan li jkunu implimentati miżuri tal-Komunità dwar verifika ta' l-użu u/jew id-destinazzjoni ta' prodotti [5];

Billi għandhom ikunu stabbiliti awtoritajiet oħra, kif ukoll awtoritajiet tad-dwana li jkunu kompetenti li joħorġu l-kopja ta' kontroll T 5 u li jivverifikaw l-użu u/jew id-destinazzjoni ta' prodotti ta' intervent;

Billi, għal finijiet ta' simplifikazzjoni u effiċjenza, jixraq li jkun stipulat li l-kopja ta' kontroll T 5, wara li jkunu saru l-kontrolli meħtieġa, għandha tintbagħat direttament lill-aġenzija li jkollha l-garanzija, u li meta żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom x'jaqsmu, il-kopji ta' kontroll T 5 għandhom jintbagħtu direttament minn kull Stat Membru separatament lill-aġenzija li jkollha l-garanzija;

Billi jidher li hija ħaġa mixtieqa li, għas-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi, jkun hemm aktar flessibbiltà minn dik li hemm fil-kopja ta' kontroll fil-każ ta' esportazzjoni skond is-sistema msemmija fit-Titolu X, Kapitolu I, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1214/92 [6] li jipprovdi li, meta x-xogħol tal-ġarr jibda mill-Komunità u jintemm barra minnha, ma jkunx jeħtieġ li jsiru formalitajiet fl-uffiċċju tad-dwana għall-istazzjon tal-fruntiera;

Billi minħabba l-għadd sproporzjonat ta' emendi ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 569/88 jeħtieġ li dak l-Anness jitneħħa u li tkun ġustifikata r-referenza għall-awtorizzazzjoni kif stipulat fir-Regolamenti speċifiċi;

Billi l-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-kumitati amministrattivi rilevanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għad-derogi speċifiċi msemmija fir-regoli tal-Komunità li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti prodotti agrikoli, dan ir-Regolament jagħmel regoli komuni dettaljati għall-verifika ta' l-użu u/jew destinazzjoni ta' prodotti mneħħija mill-istokk ta' intervent skond:

— L-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 136/66/KEE (żjut u xaħmijiet),

(1) ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
(2) ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 1.
(3) ĠU L 55, ta' l-1.3.1988, p. 1.
(4) ĠU L 292, tat-8.10.1992, p. 11.
(5) ĠU L 270, tat-23.9.1987, p. 1.
(6) ĠU L 132, tas-16.5.1992, p. 1.

— L-Artikoli 5 u 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 [1] (ross),

— L-Artikoli 6 sa 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 [2] (ħalib u prodotti tal-ħalib),

— L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 [3] (ċanga u vitella),

— L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 727/70 [4] (tabakk mhux maħdum),

— L-Artikoli 7, 8 u 28 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 [5] (ċereali),

— L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 [6] (laħam tal-majjal),

meta dawn il-prodotti jkunu soġġetti għal użu u/jew destinazzjoni speċifiċi.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "dispaċċ" tfisser il-konsenja ta' prodotti minn Stat Membru wieħed għall-ieħor u "esportazzjoni" tfisser il-konsenja ta' prodotti minn Stat Membru għal destinazzjoni barra t-territorju tad-dwana tal-Komunità.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll għal:

— prodotti mibjugħa skond l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 [7] (frott u ħaxix),

— prodotti mibjugħa skond l-Artikolu 8(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 426/86 [8] (prodotti pproċessati minn frott u ħaxix),

— prodotti mibjugħa skond l-Artikoli 37 u 40 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 [9] (inbid/alkoħol),

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Unjoni Ekonomika Belga-Lussemburga (UEBL) għandha titqies bħala Stat Membru wieħed.

Artikolu 2

1. Minn meta jitneħħew mill-istokk ta' intervent sa meta ssir il-verifika ta' l-użu u/jew id-destinazzjoni indikata, il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għal kontroll, magħduda kontrolli fiżiċi, eżami ta' dokumenti u verifika tal-kontijiet, mill-korpi ta' kontroll maħtura, minn hawn il quddiem imsejħa "l-awtorità ta' kontroll kompetenti".

Sabiex tkun evitata kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-oriġini tal-prodotti, kull Stat Membru għandu jaħtar, għal kull miżura speċifika jew parti minnha, korp wieħed ta' kontroll għall-verifika ta' l-użu u/jew destinazzjoni tal-prodotti rilevanti, mingħajr ma jitqies l-oriġini tagħhom (Komunitarju jew Nazzjonali).

2. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li:

— il-kontroll imsemmi fil-paragrafu 1 jitwettaq,

— il-prodotti ta' intervent ma jinbidlux ma' prodotti oħra.

Dawn il-miżuri għandhom b'mod partikolari jistipulaw illi:

— ditti li jkollhom x'jaqsmu ma' prodotti ta' intervent jew prodotti pproċessati ta' intervent billi, per eżempju, jixtru, jbiegħu, ikollhom stokk, iġorru bl-art jew bil-baħar, jippakkjaw mill-ġdid, jaħdmu jew jipproċċessaw dawn il-prodotti, għandhom joqogħdu għal kull miżura ta' spezzjoni jew superviżjoni meqjusa bħala meħtieġa u jżommu reġistrat kull tagħrif li jista' jgħin lill-awtoritajiet biex jagħmlu kull kontroll li huma jqisu meħtieġ,

— il-prodotti msemmija fl-ewwel inċiż ta' dan is-subparagrafu għandhom jidħlu fl-istokk u jinġarru separatament minn prodotti oħra b'mod li jistgħu jkunu identifikati.

Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skond dan il-paragrafu.

3. Il-proċedura tal-kopja ta' kontroll T 5 imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2823/87, għandha tapplika meta l-kontroll imsemmi fil-paragrafu 1 isir kollu jew parti minnu:

— fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih il-prodotti tneħħew mill-istokk ta' intervent,

jew

— fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun ġiet depożitata l-garanzija.

Il-kopja ta' kontroll T 5 għandha tinħareġ u tintuża skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2823/87 sakemm ma jingħadx mod ieħor f'dan ir-Regolament.

4. Fejn l-aġenzija ta' intervent tal-bejgħ, skond l-Artikolu 3(1)(a) ma toħroġx kopja ta' kontroll T 5, hija għandha tagħti ordni ta' tneħħija. Stati Membri jistgħu jippermettu l-ħruġ ta' estratti ta' ordni ta' tneħħija.

L-ordni ta' tneħħija jew estratt għandhom ikunu ppreżentati mill-persuna konċernata lill-awtorità ta' kontroll kompetenti.

[1] ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
[2] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[3] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[4] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 1.
[5] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[6] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[7] ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
[8] ĠU L 49, tas-27.2.1986, p. 1.
[9] ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1.

Artikolu 3

1. (a) Il-kopja ta' kontroll T 5 msemmija fl-Artikolu 2(3) għandha tinħareġ mill-:

— aġenzija ta' intervent tal-bejgħ fejn prodotti ta' intervent jintbagħtu lil Stat Membru ieħor fl-istess stat li fih tneħħew mill-istokk ta' intervent, minn hawn "il quddiem imsejjaħ" fi stat mhux maħdum,

jew

— l-awtorità ta' kontroll kompetenti, minn fejn prodotti ta' intervent jintbagħtu lil Stat Membru ieħor wara li jkunu pproċessati,

jew

— l-uffiċċju tad-dwana ta' tluq:

— meta tinġieb ordni ta' tneħħija, maħruġa mill-aġenzija ta' intervent, fejn prodotti ta' intervent ikunu esportati fi stat mhux maħdum u li jkollhom jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar,

— meta jinġieb dokument ta' kontroll, maħruġ mill-awtorità ta' kontroll kompetenti li juri li l-ipproċessar ikun sar taħt kontroll, fejn prodotti ta' intervent jiġu esportati wara li jkunu ġew ipproċessati u li jkollhom jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

Meta skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1055/77 [1], prodotti jinżammu fi stokk fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih ikun hemm l-aġenzija ta' intervent tal-bejgħ, l-aġenzija ta' intervent tal-bejgħ għandha toħroġ il-kopja ta' kontroll T 5 jew tara li din tinħareġ taħt ir-responsabbiltà tagħha.

Stati Membri jistgħu:

— jippermettu li l-kopja ta' kontroll T5 tinħareġ minn awtorità maħtura għal dak il-għan minflok mill-aġenzija tal-bejgħ,

— jiddeċiedu li min ikun awtorizzat li jkollu stokk ta' prodotti ta' intervent ikun jista' joħroġ kopja ta' kontroll T 5 taħt ir-responsabbiltà ta' l-aġenzija ta' intervent. Għandha tingħata awtorizzazzjoni lil min ikollu stokk skond il-kondizzjonijiet ta' l-Artikoli 17 sa 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2823/87 *mutatis mutandis*.

F'dawn il-każijiet, il-ħruġ għandu jkun soġġett għal preżentata ta' ordni ta' tneħħija.

(b) L-ordni ta' tneħħija u d-dokument ta' kontroll kif imsemmi fis-subparagrafu (a) għandu jkollhom numru tas-serje u:

— deskrizzjoni tal-prodotti, liema deskrizzjoni ssir bil-mod stabbilit biex timtela l-kaxxa 31 tal-kopja ta' kontroll T 5 msemmija fl-Artikolu 2(3), u fejn jixraq kull informazzjoni oħra meħtieġa għall-finijiet ta' kontroll,

— in-numru u t-tip ta' pakketti, u l-marki u numri fuq dawn il-pakketti,

— il-piż gross u nett tal-prodotti,

— referenza għar-regolament applikabbli,

— l-informazzjoni li għandha tingħata fil-kaxex 104 u 106 tal-kopja ta' kontroll T 5, li fiha jkun hemm in-numru tal-kuntratt ta' bejgħ ma' l-aġenzija ta' intervent.

Id-dokument ta' kontroll għandu juri n-numru tal-kopja ta' kontroll T 5 jew ta' l-ordni ta' tneħħija ta' qabel.

L-ordni ta' tneħħija u d-dokument ta' kontroll għandhom jinżammu mill-uffiċċju ta' tluq.

(ċ) Il-persuna konċernata għandha tagħmel il-kopja ta' kontroll T 5 f'waħda oriġinali u żewġ kopji. L-awtorità li toħroġ il-kopja ta' kontroll T 5 għandha tibgħat kopja, għall-informazzjoni, lill-aġenzija fejn tkun ġiet depożitata l-garanzija, kif meħtieġ skond l-Artikolu 5, u għandha żżomm kopja.

(d) Il-kopja ta' kontroll T 5 oriġinali għandha tintbagħat lura lill-persuna konċernata jew lir-rappreżentant tagħha, li għandha tippreżentaha lill-awtorità ta' kontroll kompetenti fl-Istat Membru ta' użu u/jew ta' destinazzjoni.

2. L-oriġinal tal-kopja ta' kontroll T 5, wara li tkun ġiet debitament awtorizzata mill-awtorità ta' kontroll kompetenti fl-Istat Membru ta' użu u/jew ta' destinazzjoni, għandha tintbagħat lura direttament lill-aġenzija li jkollha l-garanzija msemmija fl-Artikolu 5.

L-isem u l-indirizz sħaħ ta' l-aġenzija li jkollha l-garanzija għandhom jiddaħħlu fil-kaxxa B tal-kopja ta' kontroll T 5 mill-persuna konċernata.

3. Fejn parti biss mill-prodotti msemmija fil-kopja ta' kontroll T 5 ikunu kkonformaw mad-dispożizzjonijiet preskritti, l-awtorità kompetenti għandha tindika fit-taqsima tal-kopja ta' kontroll T 5 bl-isem "Kontroll ta' użu u/jew ta' destinazzjoni" l-għadd ta' prodotti li jkunu kkonformaw ma' dawn id-dispożizzjonijiet, kif ukoll id-data jew dati li fihom tkun saret l-operazzjoni.

Artikolu 4

Prova li l-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-kontroll imsemmi fl-Artikolu 2(1) ġew imħarsa għandha tingħata kif ser jingħad:

[1] ĠU L 128, ta' l-24.5.1977, p. 1.

(a) għal prodotti li dwarhom it-tneħħija mill-istokk ta' intervent u użu u/jew destinazzjoni ikunu ġew ivverifikati mill-awtorità ta' Stat Membru wieħed, permezz tal-preżentata ta' dokumenti speċifikati minn dak l-Istat Membru;

(b) għal prodotti li dwarhom l-użu u/jew destinazzjoni ikunu ġew ivverifikati mill-awtoritajiet fi Stat Membru wieħed jew aktar li ma jkunux dawk li fihom tkun saret it-tneħħija mill-istokk ta' intervent, permezz tal- kopji ta' kontroll T 5 kollha maħruġa għal kontroll u użu u/jew destinazzjoni, iċċertifikati u ffirmati kif imiss mill-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti;

(ċ) għal prodotti li dwarhom l-użu u/jew destinazzjoni ġew ivverifikati mill-awtoritajiet fiż-żewġ Stati Membri fejn saret it-tneħħija mill-istokk ta' intervent u fi Stat Membru wieħed ieħor jew aktar, permezz tad-dokumenti msemmija f' (a) u (b);

(d) għal prodotti li dwarhom il-formalitajiet ta' esportazzjoni u ħruġ mit-territorju tad-dwana tal-Komunità seħħew fl-Istat Membru fejn sar l-ipproċessar finali u fejn kienet depożitata l-garanzija, permezz tad-dokument jew dokumenti, stabbiliti minn dak l-Istat Membru bħala prova ta' esportazzjoni u permezz tad-dokumenti msemmija f' (a) u/jew (b), jekk dawn ikopru l-ipproċessar.

Artikolu 5

1. Fejn hemm bżonn ta' garanzija sabiex tiggarantixxi l-użu u/jew destinazzjoni sewwa tal-prodotti li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1, il-garanzija għandha tkun depożitata qabel ma jitneħħu l-prodotti. Din il-garanzija għandha tkun depożitata:

— fil-każ ta' prodotti li jridu jkunu pproċċessati jew li jridu jkunu pproċċessati u esportati, ma' l-aġenzija ta' intervent ta' l-Istat Membru fejn ikun ser isir jew jibda l-ipproċċessar,

— fil-każijiet l-oħra kollha, ma' l-aġenzija ta' intervent ta' bejgħ.

2. Meta garanzija tkun depożitata ma' aġenzija ta' intervent ta' Stat Membru li ma jkunx dak fejn tkun tinsab l-aġenzija ta' intervent ta' bejgħ, dik ta' l-ewwel għandha immedjatament tibgħat komunikazzjoni bil-miktub lill-aġenzija ta' intervent ta' bejgħ, li turi:

— in-numru tar-Regolament rilevanti,

— id-data u/jew numru ta' l-offerta/bejgħ,

— in-numru tal-kuntratt,

— l-isem tax-xerrej,

— l-ammont tal-garanzija f'ecus,

— il-prodott,

— il-kwantità ta' prodotti,

— id-data tad-depożitu tal-garanzija,

— l-użu u/jew destinazzjoni (kif japplika).

L-aġenzija ta' intervent ta' bejgħ għandha teżamina l-kontenut tal-garanzija.

Artikolu 6

1. Fejn id-dispożizzjonijiet preskritti dwar l-użu u/jew destinazzjoni ma jkunux jistgħu jiġu mħarsa minħabba forza maġġuri, l-awtorità ta' l-Istat Membru fejn tkun ġiet depożitata l-garanzija jew, jekk ma tkunx ġiet depożitata garanzija, l-awtorità fl-Istat Membru fejn tkun saret it-tneħħija mill-istokk ta' intervent għandha, fuq talba tal-persuna kkonċernata, tiddeċiedi:

(a) li l-għeluq taż-żmien preskritt għall-operazzjoni għandu jittawwal għal dak il-perjodu li jitqies meħtieġ minħabba ċ-ċirkostanzi mqanqla;

jew

(b) jekk il-prodotti jkunu ntilfu għal kollox, dak il-kontroll għandu jitqies daqs li kieku sar.

Iżda, f'dawk il-każijiet ta' forza maġġuri fejn il-miżuri li jissemmew f'(a) u (b) ma jkunux adattati, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni, li tista' tipprovdi għall-miżuri meħtieġa skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE u fl-Artikoli li jaqblu tar-regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir fi żmien 30 jum minn dakinhar li l-persuna konċernata tkun irċeviet tagħrif dwar ċirkostanzi li aktarx jindikaw każ ta' forza maġġuri, iżda fil-perjodu msemmi fir-Regolament speċifiku għall-preżentata taxxhieda meħtieġa biex tinħeles il-garanzija.

3. Il-persuna konċernata għandha taghti prova taċ-ċirkostanzi ndikati bħala li jikkostitwixxu forza maġġuri

IT-TITOLU II

Prodotti soġġetti għal użu preskritt jew destinazzjoni speċifika fil-Komunità

Artikolu 7

1. Prodotti għandhom jitqiesu li kkonformaw ma' l-użu u/jew destinazzjoni preskritti meta jkun stabbilit li:

(a) dwar prodotti li jridu jkunu pproċessati u/jew biex prodotti oħra jkunu nkorporati fihom, dawn iż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet, minn hawn 'il quddiem imsejjħa "ipproċessar", ikunu ġew ipproċessati;

(b) dwar prodotti għall-bejgħ għal konsum dirett bħala prodotti konċentrati, li jkunu ġew ikkonċentrati, ippakkettjati għall-bejgħ bl-imnut u meħudha fil-bejgħ bl-imnut;

(ċ) dwar prodotti għall-konsum minn ċerti istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet jew mill-armata jew forzi simili, li jkunu ingħatawlhom u li huma jkunu ħaduhom;

u, fejn jixraq, li l-operazzjonijiet imsemmija f'(a), (b) u (ċ) ikunu fil-perjodu preskritt.

2. Il-ħtiġijiet imsemmija f'1(a), (b) u (ċ) għandhom jikkostitwixxu kondizzjonijiet primarji skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [1].

Artikolu 8

1. Fejn tintuża l-kopja ta' kontroll T 5, il-kaxex 103, 104, 106 u 107 ta' dik il-parti msejħa "Informazzjoni Addizzjonali" għandhom jimtlew.

Kaxex 104 u 106 għandhom juru li jkunu ġew awtorizzati skond kif imsemmi fir-regolament relevanti.

Kaxxa 106 għandha turi wkoll:

— in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma' l-aġenzija ta' intervent,

— u, fejn hu xieraq, in-numru ta' l-ordni ta' tneħħija,

Kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament relevanti.

2. Meta prodotti jintbagħtu fi Stat Membru terz, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

3. Fejn żewġ operazzjonijiet jew aktar isiru wara xulxin fl-istess Stat Membru, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 9

Il-ħelsien mill-garanzija għandu jkun soġġett għall-preżentata tal-prova msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 10

Meta kopja ta' kontroll T 5 ma tasalx għand l-aġenzija msemmija fl-Artikolu 3(2) fi żmien tlett xhur

— mill-għeluq tal-perjodu stabbilit biex titlesta l-operazzjoni in kwistjoni,

jew

— mill-ħruġ tagħha, meta dan il-perjodu ma jkunx stabbilit,

minħabba ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-parti konċernata, din ta' l-aħħar tista' tagħmel applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti biex jintlaqgħu dokumenti oħra bħala ekwivalenti, waqt li turi r-raġuni għal din l-applikazzjoni u ġġib id-dokumenti li jsostnuha. Dawn id-dokumenti ta' sostenn għandhom jagħmlu riferenza għall-kopja ta' kontroll T 5 u jkollhom konferma mill-awtorità ta' kontroll kompetenti li vverifikat l-użu tal-prodotti, jew qabbdet lil min jivverifikahom, li l-użu speċifikat kien imħares, b'indikazzjoni tad-data li fiha l-prodotti rċevew l-użu u/jew destinazzjoni.

IT-TITOLU III

Prodotti esportati mill-Komunità fi stat mhux maħdum

Artikolu 11

1. Prodotti għandhom jitqiesu li kkonformaw mad-destinazzjoni preskritta meta jkun stabbilit li:

(a) jkunu ħarġu mit-territorju tad-dwana tal-Komunità fi stat mhux maħdum; għall-finijiet ta' dan ir-Regolament it-tqassim ta' kull prodott maħsuba biss għall-konsum abbord pjattaformi ta' tħaffir jew ta' estrazzjoni, magħduda postijiet ta' xogħol li jagħtu servizzi ta' appoġġ għal dawn ix-xogħlijiet, li jkunu jinsabu fiż-żona tal-pjattaforma kontinentali Ewropea, jew fiż-żona tal-pjattaforma kontinentali tal-parti mhux Ewropea tal-Komunità, iżda 'l barra miż-żona ta' tlett mili li jibdew mill-linja bażi wżata li tiddetermina d-daqs ta' l-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru, għandha titqies li ħarġet mit-territorju tad-dwana tal-Komunità;

jew

(b) fil-każ imsemmi fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 [2], ikunu waslu fid-destinazzjoni tagħhom;

jew

(ċ) tqiegħdu f'maħżen ta' l-ikel approvat skond l-Artikolu 38 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87;

jew

(d) inħelsu mid-dwana biex jinħarġu għall-konsum f'pajjiż terz speċifiku fejn prodotti għandhom ikunu mportati f'dak il-pajjiż speċifiku;

[1] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.

[2] ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.

u, fejn jixraq, li l-operazzjonijiet msemmija f'(a) sa (d) ikunu saru fil-perjodu preskritt.

2. Il-ħtiġiet stabbiliti f'1 (a) sa (d) għandhom jikkostitwixxu kondizzjonijiet primarji skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

3. Fejn prodotti jkunu tqiegħdu f'maħżen ta' l-ikel kif imsemmi f'1 (ċ), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 38 sa 41 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 40(3) ukoll jekk l-ebda rifużjoni ma tkun applikabbli.

4. Id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 għandhom japplikaw.

Artikolu 12

1. Fejn prodotti ta' intervent ikunu għall-esportazzjoni fi stat mhux maħdum, l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dwana tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha ssir fl-Istat Membru fejn il-prodotti tneħħew mill-istokk.

2. Id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, flimkien ma' kull dokument meħtieġ skond il-liġijiet tal-Komunità għandhom, skond il-każ, juru meta ddaħħlu:

— "Prodotti ta' intervent b'rifużjoni — Regolament (KEE) Nru 3002/92",

jew

— "Prodotti ta' intervent mingħajr rifużjoni — Regolament (KEE) Nru 3002/92".

3. Ukoll fejn l-ebda rifużjoni ma tkun applikabbli għal prodotti għall-esportazzjoni, malli tkun aċċettata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni rilevanti, huma għandhom jitqiesu li ma jkunux aktar milqutin mill-Artikolu 9(2) tat-Trattat u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(2)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2726/90 [1] għandhom japplikaw għall-moviment tagħhom.

4. Il-kondizzjonijiet dwar il-perjodu ta' żmien li għandu jitħares sabiex tingħata rifużjoni u l-prova li għandha tingħieb għal dan il-għan huma applikabbli dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ħelsien mill-garanzija.

Artikolu 13

1. Fejn tintuża l-kopja ta' kontroll T 5, il-kaxex 103, 104, 106 u 107 u fejn jixraq, 105 ta' dik il-parti msejħa "Informazzjoni Addizzjonali" għandhom jimtlew.

Kaxex 104 u 106 għandhom juru l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fir-regolament rilevanti.

Il-kaxxa 106 għandha turi wkoll:

— in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma' l-aġenzija ta' intervent,

u

— in-numru ta' l-ordni ta' tneħħija.

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament rilevanti.

2. Fejn il-kopja ta' kontroll T 5 li jkollha prova ta' l-esportazzjoni tal-prodotti tintalab għall-ħelsien mill-garanzija msemmija fl-Artikolu 5 u għall-ħlas tar-rifużjoni, l-awtorità kompetenti li jkollha l-garanzija għandha tibgħat immedjatament kopja tal-kopja ta' kontroll T 5, ċertifikata bħala kopja vera, direttament lill-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni.

F'dak il-każ il-persuna konċernata għandha timla l-kaxxa 106 tal-kopja ta' kontroll T 5 kif ġej:

"Rifużjoni titħallas minn… (u turi l-isem u l-indirizz sħaħ ta' l-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni)".

3. Fejn il-perjodu ta' żmien ta' 12-il xahar għall-prova ta' esportazzjoni għall-ħlas ta' rifużjoni skond l-Artikolu 47(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 ma jkunx ġie osservat minħabba dewmien amministrattiv biex l-aġenzija li jkollha l-garanzija tibgħat il-kopja ta' kontroll T 5 lill-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni, id-data meta l-aġenzija tal-garanzija tirċevieha għandha titqies ukoll bħala d-data ta' meta l-awtorità tar-rifużjoni tkun irċevietha.

Artikolu 14

1. Meta, malli tkun aċċettata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mid-dwana, prodotti li jkunu tqiegħdu taħt waħda mill-proċeduri msemmija f'Titolu X, Kapitlu 1, tar-Regolament (KEE) Nru 1214/92 għal ġarr għal stazzjon ta' destinazzjoni jew għal tqassim lil kunsinnatarju barra mit-territorju tad-dwana tal-Komunità, għandhom jitqiesu li kienu esportati malli tqiegħdu taħt dik il-proċedura.

2. Meta japplika paragrafu 1, l-uffiċċju tad-dwana tat-tluq li jaċċetta d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni għandu jassigura li waħda mill-awtorizzazzjonijiet indikati, kif jixraq, fl-Artikolu 7(4) jew (5) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, tiddaħħal fid-dokument maħruġ bħala prova ta' esportazzjoni.

3. L-uffiċċju tad-dwana tat-tluq jista' jippermetti li l-kuntratt ta' ġarr ikun varjat sabiex il-ġarr jintemm fil-Komunità biss meta jkun stabbilit li jew:

— li, jekk tkun ingħatat garanzija lill-aġenzija ta' intervent sabiex ikun assigurat li l-esportazzjoni ssir, ma jkunx hemm ħelsien minn din il-garanzija,

jew

— li ngħatat garanzija ġdida.

[1] ĠU L 262, tas-26.9.1990, p. 1.

Iżda, jekk ikun hemm ħelsien mill-garanzija skond il-paragrafu 1 u l-prodott ma jkunx fil-fatt inħareġ mit-territorju tad-dwana tal-Komunità fil-perjodu mogħti, l-uffiċċju tad-dwana tat-tluq għandu jinforma lill-aġenzija responsabbli mil-liberazzjoni tal-garanzija u għandu jipprovdiha malajr kemm jista' jkun bil-partikolaritajiet kollha meħtieġa. F'dawn il-każijiet il-liberazzjoni għandha titqies li tkun saret bi żball u għandu jkun irkuprat ammont ekwivalenti.

Artikolu 15

Il-liberazzjoni tal-garanzija hija soġġetta għall-preżentata tal-prova msemmija fl-Artikolu 4, u

— fejn il-prodotti jkunu għall-importazzjoni f'pajjiż terz speċifiku, jew

— fejn, f'każijiet fejn il-prodotti jkunu għall-esportazzjoni mill-Komunità, ikun hemm dubbji serji dwar id-destinazzjoni vera tagħhom,

għall-preżentata tal-prova msemmija fl-Artikoli 17 u 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jitolbu prova oħra li tissodisfahom li l-prodotti fil-fatt tqiegħdu fis-suq fil-pajjiż terz ta' importazzjoni.

Fejn ikun hemm dubji serji dwar id-destinazzjoni vera tal-prodotti, l-Kummissjoni tista titlob lill-Istati Membri sabiex japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 16

1. Fejn il-klawsoli ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 754/76 [1] japplikaw:

— il-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tintilef jekk ma tkunx għada ġiet liberata,

— għandu jkun irkuprat ammont ekwivalenti għall-garanzija jekk din ta' l-aħħar tkun diġa ġiet liberata.

2. Fejn prodotti li għalihom saret il-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(1) jinħarġu mit-territorju tad-dwana tal-Komunità u l-formalitajiet sabiex tingħata rifużjoni ma jkunux intemmu, il-formalitajiet għandhom, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 754/76, jitqiesu mitmuma u l-paragrafu 1 għandu japplika.

3. L-ammont ta' garanzija li għalih hemm referenza fil-paragrafi 1 u 2 għandu jitqies bħala garanzija mitlufa skond it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78 [2].

4. Il-persuna konċernata għandha tagħti prova lill-awtorità kompetenti, permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-aġenzija ta' intervent konċernata, li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ġew osservati u li ma ngħatat ebda garanzija.

Artikolu 17

Fejn kopja ta' kontroll T 5 maħsuba bħala prova li l-prodotti kienu konformi mad-destinazzjoni preskritta msemmija fl-Artikolu 11(1) ma tkunx waslet għand l-aġenzija msemmija fl-Artikolu 3(2) fi żmien tlett xhur mill-ħruġ tagħha minħabba ċirkostanzi li l-parti konċernata ma kellhiex kontroll fuqhom, din ta' l-aħħar tista', bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 47(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87, tibgħat lill-awtorità kompetenti talba motivata li dokumenti oħra jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti.

IT-TITOLU IV

Prodotti esportati mill-Komunità wara l-ipproċċessar

Artikolu 18

Prodotti għandhom jitqiesu li kienu konformi ma' l-użu u destinazzjoni preskritti meta jkun stabilit li ġew sodisfatti l-ħtiġiet ta' l-Artikoli 7 u 11.

Artikolu 19

Fejn prodotti għandhom ikunu esportati wara pproċessar, l-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tad-dwana tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha sseħħ fl-Istat Membru fejn iseħħ l-ipproċessar finali.

Artikolu 20

1. Fejn prodotti għandhom jintbagħtu għal ipproċessar fi stat mhux maħdum biex wara jkunu esportati, għandha tinħareġ il-kopja ta' kontroll T 5 mill-aġenzija ta' intervent li tbiegħ u għandhom jimtlew il-kaxex 103, 104, 106 u107 tal-parti msejħa "Informazzjoni Addizzjonali".

Il-kaxex 104 u 106 għandhom juru l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fir-regolament rilevanti.

Il-kaxxa 106 għandha turi wkoll:

— in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma' l-aġenzija ta' intervent,

— fejn japplika, in-numru ta' l-ordni ta' tneħħija, u

— l-awtorizzazzjoni "Prodotti minn intervent li għandhom jitqiegħdu, ma' l-esportazzjoni" taħt il-proċedura Komunitarja ta' passaġġ estern.

[1] ĠU L 89, tat-2.4.1976, p. 1.
[2] ĠU L 50, tat-22.2.1978, p. 1.

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament rilevanti.

2. (a) Fejn prodotti għandhom jintbagħtu wara pproċessar fl-Istat Membru fejn seħħet it-tneħħija mill-istokk ta' intervent, għal aktar ipproċessar biex wara jkunu esportati, il-kopja ta' kontroll T 5 għandha tinħareġ mill-awtorità li tivverifika l-ipproċessar.

(b) F'dik il-parti tal-kopja ta' kontroll T 5 msejħa "Informazzjoni Addizzjonali", il-kaxex 103, 104, 106 u 107 għandhom jimtlew.

Il-kaxex 104 u 106 għandhom juru l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fir-regolament rilevanti.

Il-kaxxa 106 għandha turi wkoll:

— in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma' l-aġenzija ta' intervent, u
— l-awtorizzazzjoni "Prodotti minn intervent li għandhom jitqiegħdu, ma' l-esportazzjoni, taħt il-proċedura Komunitarja ta' passaġġ estern."

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament rilevanti.

3. (a) Fejn prodotti għandhom ikunu esportati wara pproċessar u li għandhom jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar, il-kopja ta' kontroll T 5 għandha tinħareġ mill-uffiċċju tad-dwana ta' tluq fuq preżentata ta' dokument maħruġ mill-awtorità li tkun qed tivverifika l-ipproċessar. Dak id-dokument għandu jinżamm mill-uffiċċju ta' tluq tad-dwana.

Iżda, ma tkunx meħtieġa l-preżentata tad-dokument f'każijiet fejn l-uffiċċju ta' tluq tad-dwana jkun ivverifika l-ipproċċessar rilevanti.

(b) F'dik il-parti tal-kopja ta' kontroll T 5 imsejħa "Informazzjoni Addizzjonali", il-kaxex 103, 104, 106 u 107 u fejn japplika, 105 għandhom jimtlew.

Kaxex 104 u 106 għandhom juru l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fir-regolament rilevanti.

Kaxxa 106 għandha turi wkoll:

— in-numru tal-kuntratt tal-bejgħ ma' l-aġenzija ta' intervent, u
— fejn japplika, in-numru tad-dokument li għalih hemm referenza f'(a).

Il-kaxxa 107 għandha turi n-numru tar-regolament rilevanti.

4. Fejn il-kopja ta' kontroll T 5 li tagħti prova ta' l-esportazzjoni tal-merkanzija tintalab għall-helsien mill-garanzija li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 5 u għall-hlas tar-rifużjoni, l-awtorità kompetenti li tkun qed iżżomm il-garanzija għandha tibgħat immedjatament kopja tal-kopja ta' kontroll T 5, ċertifikata bħala kopja vera, direttament lill-awtorità kompetenti għall-hlas tar-rifużjoni.

F'dak il-każ il-persuna konċernata għandha tniżżel dan li ġej fil-kaxxa 106 tal-kopja ta' kontroll T 5:

"Rifużjoni għandha titħallas minn…" (b'indikazzjoni ta' l-Istat Membru u l-isem u l-indirizz sħaħ ta' l-awtorità kompetenti għall-ħlas tar-rifużjoni).

Artikolu 21

1. Fejn prodotti ntbagħtu lejn Stat Membru ieħor għal ipproċċessar u l-prodotti pproċċessati:

— għandhom jintbagħtu lejn Stat Membru terz jew Stat Membru ieħor għal aktar ipproċċessar,

jew

— li għandhom jaqsmu t-territorju ta' Stat Membru terż jew Stat Membru ieħor sabiex jiġu esportati,

l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 20(2) u (3), skond kif japplika, għandha toħroġ kopja ta' kontroll T 5 waħda jew aktar.

Il-kopja jew kopji ta' kontroll T 5 għandhom jimtlew:

— fejn japplika l-ewwel inċiż ta' l-ewwel subparagrafu, kif indikat fl-Artikolu 20(2)(b),
— fejn japplika t-tieni inċiż ta' l-ewwel subparagrafu, kif indikat fl-Artikolu 20(3)(b),

billi tintuża l-informazzjoni mogħtija fil-kopja ta' kontroll T 5 oriġinali. Barra minn dan, fil-kaxxa 106 tal-kopja jew kopji ta' kontroll T 5 għandu jiddaħħal in-numru ta' reġistrazzjoni u d-data tal-ħruġ tad-dokument ta' qabel u l-isem ta' l-awtorità li ħarġitu.

2. Fil-każ li għalih hemm referenza fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti li vverifikat l-operazzjoni, għandha, wara l-awtorizzazzjoni xierqa, tibgħat lura mill-ewwel il-kopja ta' kontroll T 5 oriġinali direttament lill-aġenzija li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 3(2) u għandha tindika fuq il-kopja ta' kontroll T 5 oriġinali fil-kaxxa msejħa "Kontroll ta' l-użu u/jew destinazzjoni", li l-prodott intbagħat lejn Stat Membru ieħor biex ikun aktar ipproċessat, ippakkjat, biex jinżamm jew ikun esportat. Il-kopja ta' kontroll T 5 oriġinali għandha turi n-numru jew numri ta' reġistrazzjoni jew referenza għal kopji ta' kontroll T 5 maħruġa għal dak il-għan.

3. Id-dokument li għalih hemm referenza fl-Artikolu 4(a) għandu jkun fih awtorizzazzjonijiet bħal dawk li għalihom hemm stabbilit fil-paragrafu 2.

Artikolu 22

1. Fejn ikun hemm żewġ operazzjonijiet jew aktar, minbarra esportazzjoni, (bħal: ipproċessar, ippakkjar, teħid) 212,2 iseħħu waħda wara l-oħra fl-istess Stat Membru, u dan l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li dawn l-operazzjonijiet jitqiesu bħala operazzjoni waħda. F'dan il-każ m'għandhiex tinħareġ kopja oħra ta' kontroll T 5 sakemm ma jkunux saru l-operazzjonijiet kollha involuti.

Il-kopja ta' kontroll T 5 oriġinali għandha tintbagħat lill-aġenzija li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 3(2) wara li jkunu saru l-kontrolli ta' l-operazzjonijiet kollha involuti. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jassiguraw li din is-sistema taħdem tajjeb.

2. Meta Stati Membri jiddeċiedu li ma jimxux skond il-proċedura li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha wara kull operazzjoni bħal din toħroġ kopja ta' kontroll T 5. L-awtorità kompetenti li tkun ivverifikat l-operazzjoni għandha tindika fuq il-kopja ta' kontroll T 5 oriġinali fil-kaxxa msejha "Kontroll ta' l-użu u/jew destinazzjoni", li l-prodott intbagħat f'l-istess Stat Membru għal aktar ipproċċessar, ippakkjar, biex jinżamm jew ikun esportat. Il-kopja ta' kontroll T 5 oriġinali għandha turi n-numru jew numri ta' reġistrazzjoni jew referenza għal kopji ta' kontroll T 5 maħruġa għal dak il-għan.

3. Id-dokument li għalih hemm referenza fl-Artikolu 4(a) għandu jkun fih awtorizzazzjonijiet bħal dawk li għalihom hemm stabbilit fil-paragrafu 2.

Artikolu 23

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 10, 12 (2) u (4), 13 (3) u 14 sa 17 għandhom japplikaw għal dan it-Titolu.

IT-TITOLU V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 24

1. Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-isem u l-indirizz sħaħ ta' l-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti imsemmija fl-Artikolu 2(1). Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra.

2. Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kull erba' xhur b'każijiet li għalihom applikaw l-Artikolu 6(1), jispeċifikaw iċ-ċirkostanzi msemmija, il-kwantitajiet involuti u l-miżuri li ttieħdu.

3. Stati Membri għandhom fl-1 ta' Marzu u fl-1 ta' Settembru ta' kull sena, jibagħtu lill-Kummisjoni n-numru ta' applikazzjonijiet magħmula skond l-Artikolu 10 jew 17, ir-raġunijiet, jekk ikunu magħrufa, għaliex ma ntbagħtitx lura l-kopja ta' kontroll T 5, il-kwantitajiet konċernati u n-natura tad-dokumenti aċċettati bħala ekwivalenti.

Artikolu 25

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 569/88 hu b'dan imħassar. Għandu, iżda, jibqa' japplika għal operazzjonijiet li minħabba fihom it-tneħħija mill-istokk ta' intervent seħħet sal-31 ta' Diċembru, 1992.

L-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 569/88 għandu jibqa' validu għal perjodu ta' transizzjoni li matulu l-atti speċifiċi tal-Komunità jibqgħu jagħmlu referenza għalih. Fejn dak l-Anness jagħmel referenza għad-dokument amministrattiv waħdieni jew għad-dokument li jagħti prova ta' l-istatus Komunitarju tal-prodotti imsemmija fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KEE) Nru 569/88, ir-referenza għandha titqies magħmula għall-kopja ta' kontroll T 5.

2. Għal dawk l-affarijiet li jkunu saru skond l-Artikolu 2(3) li minħabba fihom it-tneħħija mill-istokkijiet ta' intervent seħħet mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 1992, u li minħabba fihom aktarx li jkun hemm konformità dwar l-użu u/jew id-destinazzjoni preskritta sa l-1 ta' Jannar, 1993, jew wara, id-dokumenti li jkunu mal-prodotti għandhom juru waħda mill-awtorizzazzjonijiet li ġejjin:

— Aplicación del procedimiento establecido en el Reglamento (CEE) nº 569/88

— Anvendelsesprocedure forordning (EØF) nr. 569/88

— Anwendung des Verfahrens gemäß der Verordnung (EWG) Nr. 569/88

— Εφαρμογή της διαδικασίας του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 569/88

— Application of Procedure under Regulation (EEC) No 569/88

— Application de la procédure du règlement (CEE) nº 569/88

— Applicazione del procedimento secondo il regolamento (CEE) n. 569/88

— Toepassing procedure Verordening (EEG) nr. 569/88

— Aplicação do procedimento previsto no Regulamento (CEE) nº 569/88.

Artikolu 26

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali* tal-Komunitajiet Ewropej.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal prodotti mneħħija minn stokkijiet ta' intervent fl-1 ta' Jannar, 1993, jew wara. Iżda, d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25(2) għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru, 1992.

Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25, l-atti kollha tal-Komunità li jagħmlu referenza għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1687/76 [1] jew għar-Regolament (KEE) Nru 569/88 jew għal Artikoli tiegħu għandhom jitqiesu li jagħmlu referenza għal dan ir-Regolament jew għal dawk l-artikoli li jikkorrispondu miegħu.

[1] ĠU L 190, ta' l-14.7.1976, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Ottubru, 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni